REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 166/2014

tas-17 ta' Frar 2014

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem, u l-entrati tal-Iżrael u tal-Afrika t'Isfel fil-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman [1], u b'mod partikolari l-fraża ta' introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-punt 1 tal-Artikolu 8, il-punti 3 u 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(2)(b) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 [2] jistabbilixxi li certu prodotti għandhom jiġu importati biss fl-Unjoni u jgħaddu fi tranżitu minnha, minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti elenkati fit-tabella li tinsab fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu. Jistipula wkoll ir-rekwiżiti ta' ċertfikazzjoni veterinarja għal dawn il-prodotti. Dawk ir-rekwiżiti jqisu jekk japplikawx jew le kundizzjonijiet speċifiċi, u jekk humiex meħtieġa garanziji addizzjonali minħabba l-istat tal-marda ta' dawk il-pajjiżi terzi, it-territorji, iż-żoni jew il-kompartimenti. Il-kundizzjonijiet speċifiċi u l-garanziji addizzjonali li magħhom għandhom ikunu konformi dawk il-prodotti huma stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(2) Il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet skont liema pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment għandu jitqies bħala ħieles mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (HPAI), u r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni veterinarja f'dak ir-rigward għall-prodotti maħsuba biex jiġu importati fl-Unjoni.

(3) L-Afrika t'Isfel esperjenzat tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5N2 fi stabbilimenti tal-għasafar li ma jtirux f'żona b'densità għolja ta' għasafar li ma jtirux fl-2004, fl-2006, kif ukoll minn April 2011. Għaldaqstant, l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti magħmula minn għasafar li ma jtirux, inkluż il-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet, bħalissa huma ristretti mir-Regolament (KE) Nru 798/2008 kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisjoni (UE) Nru 536/2011 [3]. Bħalissal-Afrika t'Isfel mhijiex f'pożizzjoni li tiddikjara li tinsab ħielsa mill-HPAI.

(4) Iż-żamma fil-berah ta' għasafar li ma jtirux toħloq sfida speċifika għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni possibbli ta' vajruses tal-influwenza avjarja f'qatgħat ta' għasafar li ma jtirux, b'mod partikolari mir-riżerva ta' għasafar selvaġġi. L-awtorità kompetenti tal-Afrika t'Isfel, f'kollaborazzjoni mal-industrija tat-trobbija tal-għasafar li ma jtirux, żviluppat sistema mfassla apposta għall-produzzjoni tal-laħam ta' għasafar li ma jtirux minn għasafar li jinżammu fi stabbilimenti magħluqa rreġistrati u li huma approvati mill-awtorità kompetenti.

(5) Dawk l-istabbilimenti jinsabu taħt kontroll uffiċjali u taħt regoli stretti ta' bijosigurtà, u fihom jiġu applikati kontrolli fuq il-moviment u testijiet fil-laboratorju. Barra minn hekk, fi stabbilimenti ta' għasafar li ma jtirux li jinsabu f'raġġ ta' distanza definit mill-istabbiliment magħluq irreġistrat u fit-territorju kollu tal-Afrika t'Isfel issir sorveljanza għall-influwenza avjarja. Waqt li kienu qed jiġu mfassla dawk ir-rekwiżiti ġew ikkunsidrati b'mod xieraq ir-rakkomandazzjonijiet tat-Tim ta' Emerġenza Veterinarja tal-Komunità (CVET), li kien wettaq missjoni fl-Afrika t'Isfel fl-2011.

(6) Filwaqt li kienet qed tistenna li toħroġ id-dikjarazzjoni li t-territorju kollu tagħha jinsab ħieles mill-HPAI, u sabiex tkun tista' tagħti garanziji aħjar rigward is-sikurezza tal-laħam tal-għasafar li ma jtirux maħsub biex jiġi importat fl-Unjoni fil-futur, fil-5 ta' Mejju 2013 l-Afrika t'Isfel ressqet proposta riveduta tas-sistema tal-istabbilimenti magħluqa rreġistrati li jitolbu awtorizzazzjoni għal importazzjonijiet ta' laħam tal-għasafar li ma jtirux prodott minn għasafar li ma jtirux miżmuma fi stabbilimenti ta' dan it-tip.

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 536/2011 tal-1 ta' Ġunju 2011 li jemenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE u l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tad-dħul tal-Afrika t'Isfel fil-listi tal-pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom (ĠU L 147, 2.6.2011, p. 1).

(7) L-esperti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri evalwaw il-proposta u kkonkludew li s-sistema li ġiet stabbilita mill-Afrika t'Isfel għandha tipprevedi garanziji sodisfaċenti rigward l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux minn għasafar li ma jtirux miżmuma fi stabbilimenti ta' dan it-tip fir-rigward tar-riskji possibbli kkawżati mill-vajrus HPAI.

(8) Għandha tiġi stabbilita kundizzjoni speċifika ġdida "H" fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li tipprevedi garanziji speċifiċi rigward is-sikurezza tal-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fi stabbilimenti għall-konsum mill-bniedem, u li hu prodott minn għasafar li ma jtirux miżmuma fi stabbilimenti magħluqa rreġistrati, inkluż garanziji fir-rigward ta' tifqigħat possibbli ta' HPAI fil-futur u li għandhom japplikaw fit-territorju tal-Afrika t'Isfel. Din il-kundizzjoni speċifika għandha tiġi inkluża wkoll fil-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija għall-konsum mill-bniedem.

(9) Bħalissa, fl-entrata għall-Iżrael, il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tindika ħames kodiċijiet differenti, IL-0 sa IL-4, li jikkorrispondu għal partijiet tat-territorju li ġew reġjonalizzati wara tifqigħat preċedenti ta' HPAI f'dak il-pajjiż. Wara talba mill-Iżrael, u meta jitqies li l-laħam ta' tjur, għasafar li ma jtirux jew tjur tal-kaċċa selvaġġi (POU, RAT, u WGM) prodott matul il-perjodi ta' restrizzjonijiet m'għadux qed jiċċirkola fis-suq, iż-żoni differenti għandhom jiġu konsolidati, u l-entrata għall-Iżrael għandha tiġi modifikata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' trasparenza tas-suq u skont il-liġi pubblika internazzjonali, għandu jiġi ċċarat li l-kopertura territorjali taċ-ċertifikati hija limitata għat-territorju tal-Istat tal-Iżrael minbarra t-territorji taħt l-amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

(10) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat b'dan li ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għal "L-Iżrael - IL" tinbidel b'dan li ġej:

"IL – L-Iżrael ([6])	IL – 0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR,BBP, DOR, DOC, HER, HEP, SRP		N			A		S5, ST1
			POU, RAT							
			WGM	VIII						
			EP, E							S4"

(b) l-entrata "ZA - L-Afrika t'Isfel" tinbidel b'dan li ġej:

"ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA – 0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4"
			BPR	I	P2	9.4.2011		A		
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII	P2 H	9.4.2011		A		

(c) Tiżdied in-nota f'qiegħ il-paġna kif ġej:

"([6]) Minn hawn' il quddiem mifhum bħala l-Istat tal-Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-Amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent."

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) dan li ġej għandu jiżdied fit-taqsima 'Kundizzjonijiet speċifiċi', wara l-kundizzjoni speċifika "L":

' "H": Ingħataw garanziji li l-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fi stabbilimenti għall-konsum mill-bniedem (RAT) hu prodott minn għasafar li ma jtirux miżmuma fi stabbiliment magħluq irreġistrat, u li hu approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz. F'każ ta' tifqigħa ta' HPAI, l-importazzjonijiet ta' laħam ta' dan it-tip xorta waħda jistgħu jiġu awtorizzati jekk il-laħam ikun inkiseb minn għasafar li ma jtirux li jkunu ġejjin minn stabbiliment magħluq irreġistrat li jkun ħieles mill-HPAI, jekk f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' HPAI għal mill-inqas matul l-aħħar 30 jum, u jekk ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom tkun instabet l-HPAI fl-aħħar 30 ġurnata."

(b) il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta’ għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT)

PAJJIŻ **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta’ referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
		I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż ta’ destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10.
I.11. Post tal-oriġini Isem Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta’ Trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Dokument		I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
		I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS) **02.08.90**	
			I.20. Kwantità
I.21. Temperatura tal-prodotti Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Iffriżati ☐			I.22. Għadd totali ta’ pakketti
I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur			I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati għal: Konsum mill-bniedem ☐			
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

Speċi (isem xjentifiku)	Biċċerija	Numru tal-approvazzjoni tal-istabbilimenti Impjant tal-manifattura	Maħżen kiesaħ	Għadd ta’ pakketti	Piż nett

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004, (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-laħam tal-għasafar li ma jtirux ([1]) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) ġej minn stabbiliment(i) li jimplimenta(w) programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet III u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjoni qabel u wara l-awtopsja skont it-Taqsima IV, Kapitolu VII tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004(2);

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti magħmula minnhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi ippreżentati skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati.

II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal
Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-laħam tal-għasafar li ma jtirux deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1. ġej minn:

([2]) ([3]) ([5]) *jew* [it-territorju bil-kodiċi ..... ;]

([2]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([2]) ([11]) *jew* [stabbiliment(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għal mill-inqas matul l-aħħar 30 jum, u jekk ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom tkun instabet l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fl-aħħar 30 jum."]

li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, kien ħieles (kienu ħielsa) minn:

l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

([6]) [il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

II.2.2. inkiseb minn għasafar li ma jtirux li:

([2]) *jew* [ma ġewx imlaqqma kontra l-influwenza tat-tjur;]

([2]) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' tilqim b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

.....

(isem u tip ta' vaċċin(i) użat(i))

fl-età ta' ..... ġimgħat;]

([7]) inqatlu fi ..... (jj/xx/ssss) jew bejn ..... (jj/xx/ssss) u ..... (jj/xx/ssss);

II.2.3. ġie:

([2]) ([6]) *jew* [II.2.3.1. miksub minn għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet li, għal mill-inqas tliet xhur qabel il-qatla jew minn meta faqqsu, ġew miżmuma b'mod kontinwu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju bil-kodiċi ..... ;]

([2]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([2]) ([11]) *jew* [stabbiliment(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għal mill-inqas matul l-aħħar 30 jum, u jekk ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom tkun instabet l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fl-aħħar 30 jum;]

([2]) ([8]) *jew* [II.2.3.1. ġie mnaddaf mill-għadam u l-ġilda, u ġie miksub minn għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet li, għal mill-inqas tliet xhur qabel il-qatla jew minn meta faqqsu, ġew miżmuma b'mod kontinwu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju bil-kodiċi ..... ;]

([2]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([2]) ([11]) *jew* [stabbiliment(i) magħluq(in) irreġistrat(i) approvat(i) mill-awtorità kompetenti li f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għal mill-inqas l-aħħar 30 jum, u jekk ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom tkun instabet l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fl-aħħar 30 jum;]

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.2.4. ġie:

(6) (2) (12) *jew* [II.2.4.1. miksub minn għasafar li ma jtirux minn stabbiliment(i):

(a) fejn isiru żjarat ta' spezzjonijiet veterinarji fuq bażi regolari sabiex jiġi identifikat mard li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin jew lill-annimali;

(b) li mhux (mhumiex) soġġett(i) għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma' kwalunkwe marda li huma suxxettibbli għaliha l-għasafar li ma jtirux u/jew tjur oħra;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal tal-anqas it-30 jum ta' qabel;]

(8) (2) (12) *jew* [II.2.4.1. ġie mnaddaf mill-għadam u l-ġilda u joriġina minn għasafar li ma jtirux li ġew imrobbija/miżmuma għal tal-anqas tliet xhur qabel il-qatla fi stabbilimenti:

(a) fejn isiru żjarat ta' spezzjonijiet veterinarji fuq bażi regolari sabiex jiġi identifikat mard li jista' jiġi trażmess lill-bnedmin jew lill-annimali;

(b) li mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma kwalunkwe marda li huma suxxettibbli għaliha l-għasafar li ma jtirux u/jew tjur oħra;

(c) li fihom ma seħħet ebda tifqigħa tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fis-sitt xhur ta' qabel u li madwarhom ma seħħet l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal tal-anqas tliet xhur f'distanza ta' 10 km mill-perimetru ta' dik il-parti tal-istabbiliment fejn jinżammu l-għasafar li ma jtirux, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar;]

(2) *jew* [II.2.4.1. tnaddaf mill-għadam u l-ġilda u ġej minn għasafar li ma jtirux minn pajjiżi fl-Asja jew fl-Afrika li:

(a) tqegħdu f'iżolament f'postijiet li fihom ma jistax jidħol qurdien, skont programm approvat b'mod uffiċjali għall-kontroll tal-annimali gerriema għal tal-anqas 14-il jum qabel il-qatla;

(b) qabel ma ttieħdu fil-postijiet li fihom ma jistax jidħol qurdien:

(2) *jew* [ġew eżaminati biex ikun ivverifikat li ma għandhomx qurdien,]

(2) *jew* [sar trattament fuqhom biex ikun żgurat li l-qurdien kollu li kien fuqhom inqered

permezz ta' (speċifika t-trattament): ..... u li dan it-trattament ma wassal għal ebda residwi li jistgħu jiġu osservati fil-laħam tal-għasafar li ma jtirux;]

(c) ġew iċċekkjati għall-preżenza ta' qurdien mal-wasla fil-biċċerija (kull lott), b'riżultati negattivi;]

II.2.5. ma nkisibx minn għasafar li ma jtirux li nqatlu bħala parti minn kwalunkwe skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew il-qerda tal-mard tat-tjur u/jew tal-għasafar li ma jtirux;

II.2.6. ġej minn għasafar li ma jtirux:

(2) (6) (9) *jew* [II.2.6.1. li ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-qatla;]

(2) (6) *jew* [II.2.6.1. li ma ġewx imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-qatla;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1. li ma ġewx imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1. li ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta'vaċċin ħaj li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, iżda li ma ġewx imlaqqma fit-30 jum ta' qabel il-qatla;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1. li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(8) (10) [II.2.7. ġej minn għasafar li ma jtirux minn stabbilimenti li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan ta' kampjunar ibbażat fuq l-istatistika li għalih inkisbu riżultati negattivi għal tal-anqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni;]

II.2.8. ġej minn għasafar li ma jtirux li waqt il-ġarr lejn il-biċċerija ma ġewx f'kuntatt ma' tjur u/jew għasafar li ma jtirux infettati bl-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew bil-marda ta' Newcastle;

II.2.9. ġej minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew konfermata tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u li f'raġġ ta' 10 km minnhom ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel; kif ukoll

ma ġiex f'kuntatt, fi kwalunkwe ħin waqt il-qatla, it-tqattigħ, il-ħżin jew il-ġarr, ma' għasafar li ma jtirux jew ma' laħam li mhuwiex konformi mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

II.3. Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali

Jiena, il-veterinarju uffiċjali hawn sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-laħam frisk deskritt fil-Parti I ta' dan iċ-ċertifikat ġej minn annimali li ġew ittrattati fil-biċċerija, qabel u waqt il-qatla, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u li dawn issodisfaw ir-rekwiżiti li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitoli II u III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment minn fejn jintbagħtu.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

Parti II:

([1]) "Laħam ta" għasafar li ma jtirux" tfisser kwalunkwe parti, għajr il-ġewwieni, ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet u li huma tajba għall-konsum mill-bniedem u li ma jkun sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament bil-kesħa biex tiġi żgurata l-preservazzjoni; laħam ippakkjat billi titneħħielu l-arja mill-imballaġġ, jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu wkoll ikollu miegħu ċertifikat konformi ma' dan il-mudell.

([2]) Żomm kif xieraq.

([3]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam tal-għasafar li ma jtirux imkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([6]) Mhux applikabbli għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'VII' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([7]) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx jitħallew isiru meta l-laħam jinkiseb minn għasafar li ma jtirux li jkunu nqatlu fit-territorju jew fil-kompartiment(i) imsemmi(ja) taħt II.2.1 matul perjodu fejn ikunu ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan (dawn) il-kompartiment(i).

([8]) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'VII' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([9]) Din il-kunsinna ma tistax tintbagħat lejn l-Isvezja jew il-Finlandja.

([10]) F'qatgħat mhux imlaqqma din is-sorveljanza ssir permezz tas-seroloġija, filwaqt li f'qatgħat imlaqqma ssir pemezz ta' kampjuni ta' materjal trakeali ta' għasafar li ma jtirux meħud permezz ta' tajjara.

([11]) Esklussivament għal laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) minn pajjiżi jew territorji ta' dak il-pajjiż, bl-annotazzjoni "H" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Ingħataw garanziji li f'każ ta' tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fit-territorju ta' pajjiż terz, l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux (RAT) miksub minn għasafar li ma jtirux li jkunu ġejjin minn "stabbiliment irreġistrat magħluq ta' għasafar li ma jtirux" approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz, jistgħu jiġu awtorizzati sakemm l-istabbiliment ikun ħieles minn influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja u fejn f'raġġ ta' distanza ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja għal mill-inqas l-aħħar 30 jum, u meta ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur jew ta' għasafar li ma jtirux li fihom tkun instabet l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja fl-aħħar 30 jum.

([12]) Mhux applikabbli għal stabbilimenti rreġistrati magħluqa ta' għasafar li ma jtirux.

PAJJIŻ **RAT (laħam ta' għasafar li ma jtirux imrobbija fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
Il-veterinarju uffiċjali Isem (f'ittri kbar): Kwalifika u titolu: Data: Firma:" Timbru:		